MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1279/1991/1

**David Michael Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Telamon Limited**

**v.**

**Clemente Gauci u Eugenio Gauci ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Spinola Company u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2000 giet kjamata in kawza s-socjeta` Easysell Bathroom Supplies Ltd; u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2006, il-Qorti ordnat li l-kawza titkompla fil-persuna ta' Easysell Properties Limited minflok Easysell Bathroom Supplies Limited**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1. Illi dan huwa appell minn provvediment moghti mill-Qorti tal-Prim' Istanza fejn bih gie ddikjarat illi s-socjeta` appellanti hija kontumaci nonostante li fil-process, li kien mitluf u gie sussegwentement fil-maggorparti tieghu rikostruwit, giet esebita nota ta' eccezzjonijiet tal-istess socjeta` pprezentata fit-2 ta' Frar 2007[1].

## Kontestazzjoni

2. Illi s-socjeta` appellanti qeghdha tikkontendi illi nonostante li jirrizulta verbal datat 23 ta' Novembru 2001[2] li jghid li l-istess socjeta` giet notifikata bic-citazzjoni attrici, minn imkien ma tirrizulta riferta li turi li s-socjeta` esponenti giet notifikata bic-citazzjoni qabel Jannar tas-sena 2007.

3. Illi s-socjeta` appellanti tikkontendi illi ladarba ma jirrizulta l-ebda prova ta' meta effettivament saret in-notifika, l-ewwel Qorti ma setghetx b'mod legittimu ccahhadha mid-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq billi tiddikjara illi tinsab kontumaci fil-proceduri odjerni.

4. Illi da parti taghha s-socjeta` appellata Telamon Limited tissottometti illi l-fatt tan-nuqqas ta' riferta fil-process, kif rikostruwit, ma jfissirx illi s-socjeta` appellanti ma kienitx kontumaci. Fil-fehma tal-istess socjeta`, kieku l-Qorti kellha tilqa' dan l-appell, jista' jkun precedent perikoluz fejn ghibien ta' process jaghti lok ukoll ghal ghibien ta' kontumacja fis-sens illi s-socjeta` li tkun kontumaci jkollha l-opportunita` illi tressaq l-eccezzjonijiet taghha tardivament.

5. L-istess socjeta` targumenta illi l-fatt li s-socjeta` appellanti rrizultalha fin-negattiv it-tiftix taghha biex tara kienx hemm xi referenza ta' *cash number* ghall-prezentata tan-nota ta' eccezzjonijiet bejn Frar 2001 u Novembru

---

[1] Ara fol. 114-119 dokumenti sfilzati.

[2] Ara fol. 64.

2001 ikompli jikkonferma illi s-socjeta` appellanti kienet verament kontumaci[3].

6. Illi permezz tar-risposta taghha, is-socjeta` appellata Spinola Company Limited tissottometti illi wara li s-socjeta` Easysell Bathroom Supplies Limited giet fuza fis-socjeta` Easysell Properties Limited[4], ir-Registratur tal-Qorti kien hareg notifika tac-citazzjoni bl-okkju kif korrett lis-socjeta` Easysell Properties Limited. Illi tali notifika kienet intiza unikament sabiex is-socjeta` Easysell Properties Limited tigi a konoxxenza tal-okkju kif korrett u mhux bhala forma ta' interpellazzjoni bid-dritt li f'dak l-istadju tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha.

***Iter* ta' kif graw l-affarijiet**

7. Illi din il-Qorti sejra tibda biex tissenjala xi dati li skont hi huma importanti biex wiehed jifhem ahjar l-*iter* ta' kif graw l-affarijiet:-

8. Illi c-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fis-**<u>6 ta' Novembru 1991</u>** kontra r-rapprezentanti tas-socjeta` Spinola Company Limited.

9. Illi mill-verbal tat-**<u>12 ta' Mejju 2000</u>** jirrizulta illi permezz ta' rikors datat **<u>18 ta' Lulju 1992</u>** is-socjeta` Spinola Company Limited talbet lill-Qorti tawtorizza s-sejha fil-kawza tas-socjeta` Easysell Bathroom Supplies Limited. Fl-istess seduta Dr. Robert Mangion ghas-socjeta` attrici irrimetta ruhu u l-Qorti laqghat l-istess talba.[5]

10. Illi fis-seduta tal-**<u>25 ta' Ottubru 2000</u>** gie verbalizzat illi jekk sas-seduta ta' wara s-socjeta` kjamata in kawza ma tigix notifikata, il-Qorti kienet se tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha.[6]

11. Illi mill-verbal tas-seduta tat-**<u>2 ta' Frar 2001</u>** jirrizulta illi l-istess socjeta` kjamata in kawza kienet ghadha mhux

[3] Ara fol. 192.
[4] Ara Dok G1 a fol. 106
[5] A fol. 61
[6] A fol. 62

notifikata u giet ordnata komunika lid-difensur tas-socjeta` Spinola Company Ltd  biex jara li ssir tali notifika u l-kawza giet differita ghall-15 ta' Gunju 2001.[7]

12. Illi l-verbal tal-15 ta' Gunju 2001 ma jirrizultax fil-process, pero` jirrizulta l-verbal tat-**<u>23 ta' Novembru 2001</u>** liema verbal jghid testwalment "*Billi s-socjeta` konvenuta fil-kawza hija notifikata bic-citazzjoni, il-Perit Legali ghandu jkompli bil-gbir tal-provi."*[8]

13. Illi mill-inkartament ma jirrizultax illi giet ipprezentata xi nota ta' eccezzjonijiet da parti tas-socjeta` kjamata in kawza fil-perjodu ta' bejn it-2 ta' Frar 2001 u t-23 ta' Novembru 2001. Filwaqt li huwa veru li lanqas ma jirrizulta l-*folder* fejn solitament wiehed isib it-timbru tan-notifika, din il-Qorti thoss li ghandha tistrieh fuq dak ravvizat mill-ewwel Qorti meta vverbalizzat li l-istess socjeta` kienet giet notifikata, <u>u dan meta l-inkartament kien ghadu mhux mitluf.</u>

14. Illi fis-seduta tat-**<u>12 ta' Dicembru 2006,</u>** l-ewwel Qorti iddegretat rikors tas-socjeta` Spinola Company Limited datat 15 ta' Novembru 2006[9] billi ordnat li l-kawza titkompla fil-persuna ta' Easysell Properties Limited minflok il-konvenuta Easysell Bathroom Supplies Limited. Fl-istess verbal giet ordnata notifika.[10] Illi ghalkemm l-istess verbal forsi seta' jkun aktar specifiku, din il-Qorti thoss li m'hemm l-ebda dubbju li n-notifika li ordnat il-Qorti kienet tirreferi ghal notifika tac-citazzjoni bl-okkju kif korrett lis-socjeta` li f'isimha gew trasfuzi l-atti. Illi l-folder tal-imsemmija notifika ma jirrizultax fil-process pero` tirrizulta nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata wara tali notifika, u precizament fit-**<u>2 ta' Frar 2007.</u>**

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

15. Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta s-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti li tghid illi mkien ma tirrizulta riferta li hi giet notifikata bic-citazzjoni qabel Jannar 2007. Illi bir-

---

[7] A fol. 63
[8] A fol. 64
[9] A fol. 104
[10] A fol. 114

rispett kollu lejn l-istess socjeta`, din il-Qorti tirrileva li l-istess socjeta` qeghdha tikkonfondi zewg affarijiet li huma distinti u separati. Dak li ordnat l-ewwel Qorti fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2001 kien li c-citazzjoni tigi notifikata lis-socjeta` kjamata in kawza u fin-nuqqas tirrevoka d-digriet taghha fejn laqghat it-talba ghall-kjamat in kawza, haga li fl-opinjoni ta' din il-Qorti saret stante li kieku kien mod iehor, l-istess Qorti kienet tirrevoka tali digriet u mhux tivverbalizza li n-notifika lill-kjamat in kawza saret. Mentri l-atti li giet notifikata bihom is-socjeta` appellanti f'Jannar 2007 kienu intizi biss biex l-istess socjeta` tigi a konoxxenza tal-korrezzjoni li saret fl-okkju stante li s-socjeta` kjamata in kawza giet fuza ma' socjeta` ohra. Din il-korrezzjoni pero` ma kienet taghti l-ebda dritt lis-socjeta` appellanti li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet, ghax fil-verita` hi kienet qeghdha tkompli l-kawza fil-vesti tas-socjeta` kjamata in kawza originali li giet fuza maghha.

16. Ghaldaqstant il-fatt li ma tirrizultax riferta ta' meta s-socjeta` appellanti giet notifikata bic-citazzjoni bl-okkju korrett, ghalkemm hemm qbil li din effettivament saret, ma jistghax iservi biex is-socjeta` appellanti tirratifika dak li naqset li taghmel snin qabel, u cioe li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet meta fil-fatt kienet notifikata diversi snin qabel bic-citazzjoni attrici.

17. Illi mill-atti jirrizulta illi l- kontumacja tas-socjeta` appellanti gie l-ewwel darba sollevat mis-socjeta` attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ipprezentata fit-30 ta' Awissu 2006. Sa dak iz-zmien la s-socjeta` appellanti u lanqas xi difensur legali taghha qatt ma jirrizulta li dehru ghal xi seduta quddiem l-Ewwel Qorti jew quddiem il-Periti gudizzjarji. L-ewwel darba li deher difensur legali ghall-istess socjeta` kien fl-20 ta' Gunju 2008.[11] Madankollu l-istess socjeta` appellanti jew il-predecessur taghha ma jistghux jghidu li ma kinux jafu b'dawn il-proceduri stante li fis-seduta tal-21 ta' April 1997 kien gie prodott bhala xhud mis-socjeta` Spinola Company Limited, id-direttur tas-socjeta` Easysell u cioe Anthony Fenech.

---

[11] Ara verbal a fol. 126

18. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-mod kif iddecidiet stante li fl-opinjoni taghha is-socjeta` appellanti kienet notifikata bic-citazzjoni odjerna diversi snin qabel ma regghet giet notifikata bic-citazzjoni bl-okkju kif korrett. Ghalhekk il-prezentata tan-nota ta' eccezzjonijiet fit-2 ta' Frar 2007 certament kienet wahda tardiva.

19. Ghalhekk l-appell qieghed jigi michud.

**Decide**

20. Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tikkonferma *in toto* l-provvediment moghti mill-ewwel Qorti datat 28 ta' Jannar 2011, tichad l-appell tas-socjeta` Easysell Properties Limited bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`.

21. Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz skont il-ligi.

**Silvio Camilleri** **Albert Magri** **Geoffrey Valenzia**
**Prim Imhallef** **Imħallef** **Imħallef**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------